IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 02-2019(04_07_19)**

**4 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sa Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**02.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

02.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li aktar kmieni kien irċieva *sms* mingħand is-Sa Sonja Abela fejn talbet lill-Kunsill li tkun skużata peress li qiegħda xogħol Malta u ma hijiex ser tlaħħaq.
Hija ġiet skużata.

**02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

02.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 01-2019(02_07_19) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**02.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

02.3.1 Is-Sindku ta rendikont tal-laqgħat li kellu.
Saret laqgħa mal-ħaddiema tal-Kunsill li jagħmlu xogħol fuq barra li huma: il-kennies li jiknes Ix-Xlendi, żewġ ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' *maintenance* fil-lokalità u żewġ ħaddiema li jieħdu ħsieb l-indafa u l-latrina fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Saret laqgħa mal-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħlijiet fejn ser jingħata wiċċ ġdid tat-tarmak fi Triq il-Munxar. Huwa maħsub li dan ix-xogħol jibda f'Settembru 2019. Saret laqgħa wkoll mal-uffiċjali mill-*Public Cleansing Section* tal-Ministeru għal Għawdex u tal-KIP Għawdex Ltd dwar l-iskart fix-Xlendi kif ukoll ġiet diskussa l-iskeda ta' ġbir ta' skart fil-Munxar u Ix-Xlendi.

Is-Sindku informa lill-Kunsill bix-xogħlijiet li kienu saru u li kienu qed isiru fil-lokalità.
Dawn ix-xogħlijiet jinkludu:
Tmexxija ta' bank fix-Xlendi sabiex ikun hemm aċċess għal nies b'diżabilità; żbir tas-siġar tal-Bruk fix-Xlendi; bidu tax-xogħol mill-ħaddiema tal-*Beach Cleaners* u mis-*CMU* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li jinkludi twaħħil tar-*railing* tal-paletti, inbeda ż-żebgħa tal-kurduni u tal-*promenade*, sar xogħol fuq ir-rampi tal-*promenade* biex ma jibqgħux jiżolqu u saru għetiebi quddiem is-slielem tal-baħar; inħarġu s-siġar taż-Żebbuġ li jitpoġġew fi Triq il-Kantra u fil-madwar; sar manutenzjoni fuq id-dawl fix-Xlendi u twaħħal il-festun ta' max-xtajta; il-Kunsill ikkontribwixxa għall-attività organizzata b'risq il-festa tax-Xlendi, ġie mfassal il-programm 'I Love Ix-Xlendi' Summer Events 2019, sar qtugħ ta' ħaxix ħażin fi Ġnien Ragalna u madwar il-lokalità u beda x-xogħol fuq il-*bus shelter* ta' Triq il-Profs. Ġużè Aquilina.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal diversi lmenti li kien irċieva.
Dawn l-ilmenti jinkludu:
*Containers* għall-iskart sabiex ninfurmaw minn fejn jistgħu jinġabru, it-*traffic management* fix-Xlendi, tiġi organizzata ħarġa għall-anzjani, il-*webcam* tax-Xlendi fuq il-bnadar, tiswija ta' ħofra fix-Xlendi u dwar il-moll tax-Xlendi, bżonn ta' *stop sign* fi Triq Damasku u Triq Tarsu, isiru żewġ bozoz fi Triq Damasku (fin-nofs u fit-tarf) kif ukoll bozza mal-Kunvent tas-Sorijiet fi Triq Santa Dminka u bozza fi Triq San Pawl, ser jiġu organizzati *keep fit classes*, il-problema ta' ħaxix ħażin fi Triq Żgħawri u installazzjoni ta' *traffic sign* fil-post fejn kien hemm is-*supermarket* fil-Pjazza tal-Knisja.

**02.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

02.4.1 Is-Sur Joseph Cauchi staqsa dwar ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq Żgħawri. Ġie infurmat li dan inbena llum stess.

**02.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

02.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din is-sena l-programm ta' Attivitajiet fix-Xlendi ser ikopri attivitajiet mit-13 ta' Lulju 2019 sal-14 ta' Settembru 2019. Dan jikkonsisti billi ssir il-Fjakkolata kull nhar ta' Sibt u fil-ġranet tal-Festa tax-Xlendi u diversi *shows*. L-ispiża totali ser titla' għal €12,327.00 u minn dan l-ammont il-Ministeru għal Għawdex ser jikkontribwixxi s-somma ta' €4,263.00. Kien hemm qbil dwar dawn l-attivitajiet.

02.5.2 Il-Kunsill ħareġ *expression of interest* għall-ġbir ta' skart riċiklat liż-żewġ skemi sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom. Il-Kunsill irċieva proposta waħda mingħand il-Green MT. Wara li l-Kunsill evalwa l-proposta, ser tintalab sabiex il-*Bring in Site* jkollha *bins* skont id-domanda u jitbattlu wkoll skont id-domanda jekk hemm bżonn anke darbtejn kuljum. Il-Kunsill kien ser jikteb lill-Green MT.

02.5.3 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir mera fl-ewwel kantuniera fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

02.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntrattur li ġie *awarded* l-offerta għar-restawr tat-Torri tax-Xlendi għadu ma ġiex jiffirma l-kuntratt. Proprju għada kienet ser issir laqgħa mal-Perit Hermann Bonnici, l-Inġinier Mario Galea u l-President ta' Wirt Għawdex sabiex jiġi diskuss dwar pjan biex il-proġett tar-restawr tat-Torri jitkompla u jkunu jistgħu jintlaħqu d-*deadlines*. Il-perit u l-inġinier ser jintalbu jaħdmu fuq il-*Bill of Quantities* ta' xogħol li jrid isir wara li jitlesta r-restawr tat-Torri minn barra sabiex inkunu nistgħu nippubblikaw l-offerti.

**02.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

02.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 9/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Riforma Gvern Lokali – Pubblikazzjoni tal-verżjoni konsolidata tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap 363)'.

02.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 10/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Devoluzzjoni Lokali – Memo 25/1999'.

02.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 11/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Riforma Gvern Lokali – Pubblikazzjoni ta' A.L. 122 tal-2019 – bidu fis-seħħ ta' Artikolu 30, eskluż paragrafu (b) tiegħu, tal-Att Numru XIV tal-2019'.

02.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 12/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsillieri'.

02.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 13/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Permessi għal depożitu jew użu ta' krejn jew makkinarju'.

02.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/SCI/11/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali), Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (*Lifelong Learning*)'.

02.6.7 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 01/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ħatra ta' Viċi Sindku – Kunsillier bejn is-16 u t-18-il sena'.

02.6.8 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Gozo Action Group Foundation (GAGF) fejn ġie mħabbar li ħarġet it-tieni sejħa għall-proposti, għall-Miżura 1 – GAG 1 – 'Gozo in 21$^{st}$ Century Media' taħt il-programm LEADER 2014 – 2020'. Ingħatat aktar informazzjoni dwar din l-Azzjoni, fost oħrajn, dwar l-għan ewlieni ta' din il-miżura, il-fondi allokati, il-benefiċjarji eliġibbli u dwar is-sottomissjoni tal-ewwel u t-tieni sett ta' applikazzjonijiet. Il-Kunsill ġie infurmat bil-laqgħa ta' informazzjoni fuq din il-Miżura tal-31 ta' Mejju 2019 fil-Gozo NGO Centre, Ix-Xewkija.

02.6.9 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2019/064 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħat bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Lokali', inkluż *e-mail* b'referenza għal din iċ-Ċirkulari kif ukoll b'referenza għal Ċirkulari Nru AKL 2019/056 u l-Aġenda. Din l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tagħmel laqgħat ma' kull Kunsill individwali sabiex jiġi spjegat l-irwol tal-Assoċjazzjoni fil-ħidma tal-Kunsilli kif ukoll kif tista' tkun ta' assistenza fil-pjan ta' ħidma tal-Kunsilli Lokali. Dawn il-laqgħat ser iwasslu biex l-Assoċjazzjoni tfassal pjan strateġiku għall-ħames snin li ġejjin sabiex dan ikun purament qed jindirizza l-ħtiġijiet tal-Kunsilli. Fil-każ ta' Kunsilli Lokali Għawdxin dawn il-laqgħat ser isiru ġewwa Għawdex stess fit-13 ta' Lulju 2019 ġewwa l-Grand Hotel, Għajnsielem fejn fl-istess ġurnata ser isir ukoll is-seminar imsemmi f'Ċirkulari Nru AKL 2019/056.

02.6.10 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Seminar għall-Kunsilli Lokali Għawdxin' skont Ċirkulari Nru AKL 2019/056 – 'Seminar – Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA' li ser isir fit-13 ta' Lulju 2019 ġewwa l-Grand Hotel, Għajnsielem. Mehmuż kien hemm l-Aġenda għal dan is-seminar. Il-Kunsilliera kollha eletti huma mħeġġa sabiex jattendu. L-Assoċjazzjoni reġgħat fakkret illi l-laqgħat skont Ċirkulari Nru AKL 2019/064 għall-Għawdxin ukoll ser isiru Għawdex.

02.6.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Wasteserv rigward il-'European Week for Waste Reduction in Malta & Gozo', bejn is-16 u l-24 ta' Novembru 2019, bit-tema 'Change your ways, reduce your waste'. Din is-sena hija l-għaxar sena konsekuttiva. Ingħatat aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva u l-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jipparteċipa. B'hekk, filwaqt li l-Kunsill ikun qed jagħmel promozzjoni, jidħol biċ-ċans li jirbaħ premijiet kbar.

02.6.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairperson* ta' The Marigold Foundation u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet rigward 'Invitation to Local Councils to participate in the Pink October Campaign 2019'. Sabiex jipparteċipa, il-Kunsill irid jixgħel b'dawl roża *landmark* fil-lokalità għax-xahar ta' Ottubru li jissimbolizza *Breast Cancer awareness*. Kull Kunsill Lokali li jipparteċipa jingħata siġra sabiex titħawwel fil-lokalità tiegħu.

02.6.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitolbu informazzjoni dwar l-iskema ta' ġbir ta' skart riċiklat. Il-Kunsill għadu kemm irċieva l-offerti.

02.6.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta ta' Triq il-Puniċi fejn qed tilmenta li r-residenti qed joħorġu skart domestiku anke fil-ġranet li ma ssirx il-ġabra. Din talbet ukoll *corner mirror*. Il-Kunsill qabel.

02.6.15 Il-Kunsill irċieva kopja ta' Avviż ta' Infurzar mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar xogħol li qed isir f'*farm* fi Triq Żgħawri. Il-Kunsill ser jgħaddi kopja lill-Avukat Dr Ian Stafrace.

02.6.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn informa lill-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja għax-Xlendi għas-sena 2019 hija €121,006.00.

02.6.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-*Supervisor* tal-*Beach Cleaners* dwar skart li qed jinġemgħa mal-*Bring in Site*. Huwa ssuġġerixxa li l-*bins* jitbattlu aktar ta' spiss.

02.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* dwar id-dawl tal-fanali li hemm fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi. Dawn ġew irrapportati u tranġaw.

02.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-LAND Group fejn qed jissuġġerixxu li ssir rampa fil-bankina għal dawk il-persuni li jużaw siġġu tar-roti u li jkunu jridu jmorru jixtru ġelat. Is-Sindku diġà talab biex din tiġi inkluża fix-xogħlijiet tal-*Masterplan*.

02.6.20 Il-Kunsill irċieva ritratt ta' mwejjed tal-ikel ta' ristorant partikolari tax-Xlendi. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

02.6.21 Il-Kunsill irċieva lment mingħand residenta tax-Xlendi fejn qed titlob sabiex jerġa' jitranġa l-*concrete* ta' fuq il-blat u li kien inqala' bil-maltemp u rigward *caravan* abbandunat f'*area* 'l ġewwa minn Triq il-Kantra. Il-Kunsill ser jaħdem fuq dawn il-punti mqajma minn din ir-residenta ta' Triq il-Kantra.

02.6.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident tal-Pjazza tal-Knisja dwar it-*telephone box*, biex jitnaddfu l-*pots* tas-siġar, il-WiFi ma huwiex jaħdem, sabiex *bus* numru 330 tibda tagħti servizz lill-Munxarin, biex isir knis regolari tal-Pjazza u biex jinqala' l-madum tal-bankina. Il-Kunsill qed jaħdem fuq dawn l-ilmenti ħlief dwar il-madum tal-bankina peress li dan ix-xogħol ser isir meta jitkompla l-proġett tal-Pjazza.

02.6.23 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar – Planning Control Alignment ta' Triq Ta' Luvier kantuniera ma' Triq Ras il-Bajjada. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

02.6.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur fid-Direttorat tal-Ambjent u Tibdil fil-Klima fejn qed tagħti permess sabiex il-borża s-sewda tinġabar ukoll fil-ġurnata tal-Ħadd għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2019. Qed jagħtu permess ukoll sabiex tkun tista' ssir ġabra għall-iskart organiku nhar ta' Tlieta u Sibt. Is-Sindku diġà kiteb sabiex din id-deċiżjoni tiġi rriveduta u tkun tista' tidħol ġabra tal-borża s-sewda.

02.6.25 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-Malta Tourism Authority bagħtet lil kull stabbiliment tal-ikel fix-Xlendi dwar l-obbligi li għandhom fejn jidħol *waste* u *swill*.

02.6.26 Il-Kunsill kien talab lill-Kumitat Ismijiet ta' Toroq f'Għawdex sabiex triq ġdida fi Triq Ta' Rinota tissemma Triq San Publiju. Il-Kunsill ġie infurmat mill-Kumitat li dan l-isem ma ġiex approvat u talbu lill-Kunsill sabiex jissuġġerixxi isem ieħor jekk inhu possibbli isem toponomastiku.

**02.7 Approvazzjoni sabiex is-Sindku jiffirma ċ-cheques**

02.7.1 Saret riżoluzzjoni, bis-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku bħala Proponent u bis-Sur Mark Busuttil - Kunsillier bħala Sekondat, li għaddiet biex b'hekk iċ-*cheques* jiġu ffirmati mis-Sur Damien Spiteri - Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

**02.8 Tqassim tar-responsabbiltajiet lill-Kunsilliera**

02.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li evalwa r-responsabbiltajiet tal-Kunsilliera f'leġislaturi preċedenti, huwa qed jipproponi li r-responsabbiltajiet jitqassmu hekk:

Damien Spiteri - Sindku
- L-Infrastruttura
- Proġetti
- Komunitajiet

Carmela Parnis - Viċi Sindku
- L-Indafa u Manutenzjoni Ġenerali

Mark Busuttil - Kunsillier
- Ix-Xlendi

Sonja Abela - Kunsillier
- L-Ambjent
- Il-Ħarsien tal-Annimali

Joseph Cauchi - Kunsillier
- L-Edukazzjoni
- Il-Kultura

**02.9 Impjieg ta' skrivan/a full-time**

02.9.1 Il-Kunsill irċieva lista ta' persuni li huma rreġistrati fit-tielet parti tar-reġistru ta' jobsplus. Dawn il-persuni ngħataw sal-1 ta' Ġunju 2019 sabiex japplikaw direttament għand il-Kunsill. Il-Kunsill irċieva tliet applikazzjonijiet. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-intervisti jsiru fit-8 ta' Lulju 2019. Ġie maħtur il-Bord tal-Għażla minn dawk preżenti fil-laqgħa. Iċ-*Chairperson* ser ikun is-Sindku - Is-Sur Damien Spiteri, is-Segretarju Eżekuttiv - is-Sur Anthony Grech ser ikun membru u Segretarju tal-Bord u l-Kunsilliera - is-Sa Carmela Parnis, is-Sur Mark Busuttil u s-Sur Joseph Cauchi ser ikunu membri.

**02.10 Is-sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' skart domestiku**

02.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntratt ta' ġbir ta' skart domestiku kien ser jiskadi. Għadu jrid jiġi stabbilit jekk l-offerta hijiex ser issir mill-Kunsill jew inkella mir-Reġjun. Sadanittant, il-Kunsill jista' jiddeċiedi dwar is-servizzi li ser nitolbu mingħand il-kuntrattur.

**02.11 Kisi ta' Triq Munxar bit-tarmak**

02.11.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħol tal-bdil tal-*main* u servizzi u kisi mill-ġdid tat-triq. Peress li bħalissa huwa l-aqwa tas-sajf, ġie deċiż li x-xogħlijiet jibdew f'Settembru 2019.

**02.12 Proposta għall-permess ta' żvilupp PA2406/18**

02.12.1 Is-Sindku kellem lill-Avukat Dr Ian Stafrace sabiex jagħtih *update* tas-sitwazzjoni dwar din l-applikazzjoni. Huwa infurmah li ma huwiex ser ikun hemm id-deċiżjoni fit-23 ta' Lulju 2019, iżda ser ikun hemm it-trattazzjoni. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsill jiltaqa' mal-avukat fid-19 ta' Lulju 2019 u dritt wara ssir laqgħa ta' informazzjoni dwar dan l-appell mar-residenti. Il-Kunsill kien ser jorganizza trasport fit-23 ta' Lulju 2019 sabiex il-pubbliku jattendi għas-smiegħ ta' dan l-appell.

**02.13 Il-Masterplan tax-Xlendi u affarijiet oħra relatati max-Xlendi**

02.13.1 Peress li l-Kunsill ma tantx għandu informazzjoni dwar dan il-*Masterplan*, is-Sindku kien kellem lill-Perita Roberta Claire Attard dwar il-*Masterplan* u anke rigward ix-xogħlijiet li diġà bdew. Hija ssuġġeriet li tintalab laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u l-*Permanent Secretary*. Kien hemm qbil dwar dan għaliex importanti li l-Kunsill ikun infurmat b'dak li hu ppjanat.

**02.14 Il-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja**

02.14.1 Il-proġett tal-Pjazza ġie mqassam f'erba' fażijiet, fejn l-ewwel żewġ fażijiet diġà huma lesti. It-tielet fażi hija l-*culvert* u tkomplija tal-bankina u r-raba' fażi hija l-installazzjoni tad-dwal tal-Pjazza u għamara tat-triq. Qabel issir it-tielet fażi, iridu jsiru x-xogħlijiet tax-*shelter* li trid toħroġ sejħa għalihom.

**02.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

02.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 02-2019(04_07_19) li tkopri l-perjodu mill-21 ta' Mejju 2019 sal-4 ta' Lulju 2019 għall-ammont totali ta' €17,245.15 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**02.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

02.16.1 Il-laqgħa aġġornat fit-8:00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 1 ta' Awwissu 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 03-2019(01_08_19) li nżammet nhar il-Ħamis, 1 ta' Awwissu 2019.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku